Kunsill Reġjun Punent

Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali Marsa, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **30**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar, 2023 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa, fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Mark Camilleri |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa |
| Ir-Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi: | Sindku s-Sur Johan Mula. |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

| | |
|---|---|
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Dominic Grech |
| Ħad-Dingli: | Il-Kunsillier s-Sur David Vassallo |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Terence Agius |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fis-17:30 ta' filgħaxija.

**30.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki tal-Imdina s-Sur Peter Sant Manduca u minflok is-Sindku ta' Ħad-Dingli informa li se j'attendi il-Viċi Sindku, il-Perit David Vassallo. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-membru mhux preżenti jitniżel skużat. Fuq proposta tal-President.

**30.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 29;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni il-Minuti tal-Laqgħa numru 29 li saret nhar l- 20 ta' Diċembru, 2023.

Sekondant: is-Sindku tal-Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**30.03 Komunikazzjoni mill-President**

30.03.01 Nhar l-20.12.23 irċevejna Ċir AKL 2023/115 "Ejja magħna sa.... Is-Sur Zammit flimkien mat-tim ta' StradaRjali ħarġu b'din l-opportunità sabiex jibdew serje f'lokalitajiet differenti madwar Malta. L-għan hu sabiex jesploraw kull lokalità minn perspettiva unika u jenfasizzaw fuq monumenti, knejjes, nies u pjazzez notevoli li jiffurmaw l-ibliet tagħna.

30.03.02 Nhar it-20.12.24 irċevejna mingħand is-Sa Borg mill-Università ta' Malta dwar il-progett SIA. Infurmatna li l-board tal-etika approva l-ewwel fażi tal-proġett kif ukoll ta l-approvazzjoni kundizzjonali għat-tieni fażi b'rabta mal-focus groups kemm mas-sindki kif ukoll mal-kunsilliera.

30.03.03 Nhar is-27.12.23 irċevejna mingħand il-fondazzjoni għall-konservazzjoni tan-naħla Maltija fejn tawna rendikont ta' kemm kunsilli Lokali kif ukoll Reġjonali qed jissaportjaw l-inizjattiva tagħhom. Ir-Reġjun Punent jinsab fl-aħħar post minħabba li żewġ kunsilli lokali biss u ir-reġjun stess iffirmaw.

30.03.04 Nhar it-03.01.24 ircivejna Cir AKL 2024/001 dwar EUCF - 6th Call Webinar - National European City Facility (LIFE EUCF).

30.03.05 Nhar l-4.01.2024 l-istudenta tal-Ambjent li kellha tiġi ġewwa ir-Reġjun infurmatna li ma kientx ghada nteressata.

30.03.06 Nhar l-4.01.24 saret laqgħa ġewwa Napli mar-Reġjun Campania fejn kien hemm prezenti il-President tar-Reġjun Punent, il-manager tal-kultura kif ukoll is-Sa Ferri. F'din il-laqgħa ġie ippreżentat draft MOU fejn is-Sa Ferri iddentifikat li l-appoġġ u l-promozzjoni tal-artiġjani lokali u s-sengħa tradizzjonali għanda tkun ipprijoritizzata. Regione Campania qed tipparteċipa f'Expos kbar partikolarment f'Dubaj fejn jippromwovu kull tip ta' artiġjanat minn ċeramika sa drappijiet. Iż-żewġ reġjuni qablu li jikkollaboraw fil-promozzjoni tat-turiżmu inkluzi dawk kulturali, reliġjużi, agrikolu u kulinari li jista jkollhom bżonn jiġu msaħħa u appoġġjati.

30.03.07 Nhar l-4.01.24 irċevejna Ċir AKL 2024/002 dwar Seminar-Connecting Communities: Navigating the Communities landscape in Collaboration with MCA. Dan is-seminar ser jinżamm nhar l-24.01.24.

30.03.08 Nhar l-4.01.24 irċevejna Ċir AKL 2024/003 isaqsu dwar x'Servizzi ta' Transport b'xejn offruti hemm offruti mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

30.03.09 Nhar il-05.01.24 iricivejna l-aprovazjoni minghand DLG U jobs+ sabiex tinħareg is-sejħa ta' Impjieg ta' Assistent Principal Full-Time fuq Skala 11.

30.03.10 Nhar it-8.01.24 irċevejna mingħand is-Sur Micallef, dilettant tan-naħla. Infurmana li hekk if qed joqrob l-istaġun tar-rebbiegħa, hemm probabbiltà akbar ta' naħal li jidhru f'diversi postijiet. Sabiex nissimplifikaw il-proċess tal-irkupru tal-għaqda tan-naħal u niżguraw irkupru sikur u professjonali qed jipproponu għal kollaborazzjoni. F'każ ta' dehriet tan-naħal fir-reġjun għandna nikkuntatjaw fuq 99837103.

30.03.11 Nhar it-8.01.24 irċevejna il-payscales għas-sena 2024.

30.03.12 Nhar it-8.01.24 irċevejna Ċir AKL 2024/004 dwar Policy dwar Substance Misuse and problem gambling at the place of work. L-AKL nediet din il-policy nhar 22.12.23. L-AKL ħadmet qrib mal-Aġenzija Sedqa sabiex tagħmel abbozz fuq problema tal-logħob tal-ażżard fuq il-post tax-xogħol u l-użu ħażin ta' sustanzi. L-AKL tipprijoritizza s-saħħa tal-ħaddiema u tippromwovi ambjent san fuq il-post tax-xogħol. L-AKL tinkoraġġixxi biex kemm il-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali jaddottaw politika ta' ambjent sigur fuq il-post tax-xogħol u il-President talab li jiġi addotta anke fir-Reġjun Punent.

30.03.13 Nhar l-10.01.23 icivejna KA2 Project Lab - Erasmus+ Partnerships for Cooperation li ser issir nhar 17.01.24. Għal din il-laqgħa ser jattendi il-Maniġer tal-Kultura.

30.03.14 Nhar l-10.01.23 irċivejna stedina ghal konferenza "IT and AI skills – the most in-demand skills for future employment" li ser issir nhar 26.01.23. Għal din il-konferenza ser jattendi il-Manger tal-IT.

30.03.15 Nhar it-12.01.24 ircivejna Cir AKL 2024/006 dwar sessjoni ta Informazjoni li ser ikun hemm, dwar EU Funding (Rural Roads).

30.03.16 Nhar it-12.01.24 irċevejna mingħand l-organizzatura tal-Illuminated Trail li saret ġewwa il-Verdala Palace, Buskett bejn 25 ta' Novembru u 7 ta' Jannar 2024. L-iskart kollu nġabar grazzi għal Cleansing and Maintenance Division. Matul l-avveniment inġabru total ta' 623.4 kg ta' skart, fejn 255.38 kg ta' skart kienu minn Bins organiċi u riċiklabbli! Jiġifieri 255.38 kg ġew evitati milli jmorru dritt għall-miżbla.

| |
|---|
| Skart imħallat = 368.02kg (59.03%), Organiku = 49.87 kg (8%),<br>Riċiklabbli = 205.51 kg (32.97%)<br><br>Ġie iffrankat 40% ta' l-iskart milli jmur fil landfil. |

30.03.17 Nhar it-12.01.24 ġejna infurmati li d-data tas-smigħ b'rabta mal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' ineffettività mressqa minn J.F Mallia Ltd, Mica Med Ltd u is-Sur Richard Cauchi ser issir nhar il-Ħamis 28.03.24.

30.03.18 Nhar il-15.01.24 ircivejna korrispondenza mingħand il-LESA dwar Progetti fil-Komunitajiet 2024.

30.03.19 Nhar il-15.01.24 iricivejna korrispondenza mil-Visual Non Visual Network. Huma proponew li fejn hemm residenti għomja issir proġett pilota għal indipendenza ta' aċċesibilta', Il-President informa li in vista tal-MoU li r-Regjun Punent għandu maghhom, qed iressaq tali porposta għal dawk il-Kunsilli nteressati.

30.03.20 Nhar il-15.01.24 ħarġet SPI/SCI/1/2024 dwar Skema dwar Restawr ta' Postijiet u Monumenti Storiċi f'Malta. Din l-iskema hija għal matul is-snin 2024/2025. L-aplikazjoni tagħlaq nhar 23.02.24.

30.03.21 Nhar il-16.01.24 iricivejna l-aprovazzjoni mingħand DLG U jobs+ sabiex tinħareg is-sejħa ta' Impjieg ta' Cleaner / Messenger Part-Time fuq Skala 18.

30.03.22 Nhar il-16.01.24 irċievejna mingħand id-DLG dwar ir-Rati tal-Kuntratti 2024. Din hi il-Contracts Circular No 01/2024 dwar Award fo Service Contracts and Pegged Rates: 2024

30.03.23 Fl-aħħar xahrejn il-Manager tal-IT kien qed jitkellem mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun dwar il-Websites ġodda ta' kull Kunsill Lokali.

30.03.24 Il-President informa is-Sindki dwar il-progress ġewwa s-Seminarju. Informa li saru laqghat ma tal-GO u ser isiru ukoll mal-MITA fuq il-post. Saqsa lis-Sindki sabiex jekk jafu b'kuntratturi li jistaw jagħmlu xi xogholijiet ta' tibjid, airconditions, roof compound u għamara jistgħu jinfurmana bil-kuntatti tagħhom sabiex jinħargu il-kwotazzjonijiet.

**30.03 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

30.03.01 Fuq talba tas-Sindku tar-Rabat, il-President ressaq għal approvazzjoni sabiex ir-Reġjun Punent jissieheb fl-applikazzjoni tal-UIF Funds fuq żewġt proġetti:

i. Restawr ta' tmien (8) Statwi li jinsabu mxerrda fi tlett postijiet fir-Rabat u
ii. Rinnovazzjoni tal-binja tal-Kunsill Lokali li jinkludi lift

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħaż-Zebbuġ, is-Sur Mark Camilleri
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.03.02 Is-Sindlu tal-Qrendi talab li jixtieq li ssir Twinning ma' Ungerija Legend Reġjun Nograd. Il-President informa li bħal Reġjun ma jistax issir Twinning iżda nahdmu sabiex isir MOU. Mnadakollu l-prijiorita tibqa dejjem ir-Regjun ta' Campania.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.03.03 Is-Sindku tal-Imqabba u ta' Ħal Safi talbu rendikont tal-LESA u ta' attivitajiet talbu il-lista ta' l-iskemi tar-Regjun Punent.

**30.04 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

30.04.01 MoU AKL

30.04.02 MoU Campania

30.04.03 Kwotazzjoni RFQ 133/2023 Office Cleaner

30.04.04 Kwotazzjoni RFQ 134/2023 Interior Design

**30.05 Approvazzjoni ta' Xiri**

29.06.1 Kwotazzjoni RFQ 131/2023 – Interior Design

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**30.06 Skeda tal-Pagamenti Nu.21**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 21.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba, Sa Grace Marie Zerafa.
Sekondant: Is-Sindku ta Ħal Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**30.07 Mozzjonijiet**

30.07.01 **Applikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

Il-President qal li ladarba ir-Reġjun tramite l-avukat tiegħu irrisponda lill-avukat tal-kandidata għal post ta' ES is-Sinjura AG u ladarba ebda risposta għat-talbiet tagħna u għall-allegazzjonijiet minnha magħmula ma ngħaddew lir-Reġjun anke wara li l-istess Regjun stieden lill-kandidata tforni dokumenti li hija stess għamlet referenza għalihom fl-ittra tagħha, ir-Reġjun qiegħed iqis li l-kandidata mhijiex aktar nteressata fil-post u fi kwalunkwe każ in-nuqqas ta' proviżżjoni tad-dokumenti meħtieġa jiskwalifikawha mill-konkors, għaldaqstant ressaq għal approvazjoni tar-Reġjun li l-istess Reġjun jirriżolvi li jitlob lid-DLG direzzjoni fuq kif ir-Reġjun se jipproċedi fl-għażla u ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.07.02 **Approvazzjoni għal-ħlas ta' Insurance għal-Maniġer tal-Kultura u il-Maniger tal-EU/Local Funds.**

Il-President ippropona sabiex kemm il-Manager tal-Kultura kif ukoll il-Maniger tal-EU/Local Funds ikollhom il-polza tal-Assigurazzjoni tas-saħħa. il-Prezz ser ikun ta €55 u €49.75 irrespittivament.

Sekondant: Is-Sindku ta' L-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.07.03 **Iffirmar ta' MoU ma l-AKL (Uffiċini – Reġjun Punent)**

Il-President ippropona lil membri sabiex jiġi iffirmat l-MOU mal-AKL rigward l-uffiċini preżenti.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.07.04 **MoU mar-Regjun ta' Campania**

Il-President ippreżenta u ppropona L-MOU sabiex ir-Reġjun Punent flimkien ma Reġjun Campania tiġi stabbilità kooperazzjoni ta' ħidma bejn iz-zewg Regjuni.

Sekondant: Is-Sindku ta' Rabat, is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.07.05 **Uniformi**

Il-President ipropona sabiex ir-Reġjun jixtri uniformi għall-istaff kemm għal-Managers u anke għal-iskrivani.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ, is-Sur Mark Camilleri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**30.08 Materji Oħra**

30.08.01 **Kooperazzjoni mal-NGO Żibel**

Il-President ipropona sabiex flimkien ma' kunsilli interessati nikkoperaw ma' l-NGO Żibel sabiex isir MOU biex meta bejjiegħa jitolbu permess ikun hemm ċertu obbligazzjonijiet li jħarsu aktar l-ambjent. Nhar is-17.01.24 ser issir laqgħa bejn ir-Reġjun, l-AKL u din l-NGO fejn inkunu nistgħu niddiskutu aktar fid-dettal.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.08.02 **Ċir AKL 2024/007 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.**

Il-President informa li fil-każ tar-Reġjun Punent din mhix se tapplika minħabba li Reġjun ma jkollux tranżazzjonijiet**.**

30.08.03 **Ċir AKL 2024/008 - Personal Accident Policy**

Il-President ippropona sabiex nerġgħu inġeddu l-Polza tal-Assigurazzjoni tal-ħaddiema - Personal Accident Policy.

Sekondant: Il-Viċi President / is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.08.04 **Assistent Clerk Scale 16**

Il-President ippropona sabiex tinħareġ is-sejħa ta' Assistent Clerk Scale 16.

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Mqabba, Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament

**30.08.05 Proġett Apokalissi ġewwa il-Katidral tal-Imdina nhar il-19.04.2024**

Il-President informa li saret laqgħa mas-surmast Mro. Brian Role li jmexxi l-unika orkestra f'Malta tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq fejn kien hemm il-ħsieb li jittella' l-proġett tal-Apokallissi ġewwa l-Katridral tal-Mdina u l-entratura se tkun donazzjoni lejn xi organizzazzjoni tal-Karita'. Informa li dan il-proġett se jiswa madwar €20,000 u mistenni li jkun komposizzjoni ta' 130 ruħ bejn Kor, Orċestra u Musiċisti. Fih ser ikun hemm ukoll għajnuna ġejja minn Awtoritajiet ohrajn u kumpaniji privati.

Il-President propna sabiex ir-Regjun Punent jassisti fil-Qasam awdjo-viżiv, reklamar, ħrug ta' ktejjeb tal-okkazjoni, tehid tar-ritratti u aprezzamenti. Ukoll ser nesploraw hemmx il-possibilta' li jsir taħt il-Patrocinju tal-President ta' Malta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

23.03.01 **Laqgħa mal-JM International**

Nhar it-8.01.24 irċevejna mill-JMI li ġejjin Malta bejn it-28 sal-31.01.24. Huma jixtiequ li jifhmu aħjar is-settur kulturali Malti billi jintaqgħu ukoll ma partijiet ewlenin fil-mużika, kultura u ż-żgħażagħ laqħa uffiċjali magħhom u ikla mas-Sindki tar-Reġjun u l-Manager tal-Kulturali li ħejja Program estensiv għal din il-mawra. Għal din laqgħa se tiġi il-Program Manager s-Sa Giulia Annibaletti flimkien ma' żewġt rappreżentativi mill-JM International li għandhom network internazzjonali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

30.09 **Tmiem il-laqgħa u data u ħin tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-13 ta' Frar, 2023 fil-17:30.

| Iffirmati | Iffirmati |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Elke Sghendo<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

13 ta' Frar, 2024

______________________

Ikkonfermati llum